KUNSILL LOKALI
IS-SIĠĠIEWI
Città Ferdinand

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi
B'Urġenza

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 440 (8-68)

It-Tnejn 17 ta' Lulju 2023 fis-6.00 ta' filgħaxija b'urġenza.

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi ltaqa' fiċ-Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi li jinsab fl-indirizz 18, Pjazza San Nikola, is-Siġġiewi.

PREŻENTI

Is-Sindku Dominic Grech
Il-Viċi Sindku Rodianne Haber
Il-Kunsillier Julian Borg
Il-Kunsillier Kurstein Nicholas Sant
Il-Kunsillier Gillian Farrugia Pace

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3)
Il-Kunsillier Francine Farrugia

ASSENTI
Il-Kunsillier Adrian Farrugia

UFFIĊJAL PREŻENTI

Ritienne Giorgino – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku preseda l-laqgħa.

Is-Sindku ta introduzzjoni għal din il-laqgħa tal-lum imsejħa b'urġenza wara l-preżentazzjoni ta' mozzjoni minn tlett kunsilliera. Huwa talab lill-proponent il-Kunsillier Julian Borg jaqra l-mozzjoni.

Il-Kunsillier Julian Borg qara l-mozzjoni.

### 440.1 Mozzjoni dwar bżonn ta' infurzar f'każijiet ta' ksur ta' ordni u paċi pubblika ġewwa żoni tas-Siġġiewi

Proponent: Il-Perit Julian Borg Kunsillier Kunsill Lokali Siġġiewi
Sekondant: Il-Kunsilliera Francine Farrugia u Gillian Farrugia Pace

*Billi matul l-aħħar ġimgħat ġie nnutat li fiż-żoni rurali tas-Siġġiewi u dawk tal-madwar qed jinstema storbju eċċessiv ġenerat minn mużika u sistemi oħra simili, b'mod speċjali fis-siegħat ta' matul il-lejl u kmieni filgħodu;*
*U billi matul il-gimgħa li għaddiet il-livell ta' storbju kien elevat saħansitra illi numru ta' residenti Siġġiwin tkelmu kemm magħna l-kunsilliera u fuq il-meżżi soċjali fuq dan l-inkonvenjent kbir;*
*U billi nemmnu li bħala membri tal-Kunsill Lokali għandna l-obligu illi nħarsu id-dritt tar-residenti fil-lokalita' tagħna li jgħixu u jistrieħu fil-kwiet f'darhom;*
*U billi nifmhu ukoll illi l-Kunsill Lokali m'għandux l-għodda f'idejh sabiex jagħmel infurzar direF f'każijiet ta' ksur ta' ordni u paċi pubblika;*
*Għaldaqstant, il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi mlaqqa' llum 17 ta' Lulju 2023;*

1. *Jirriżolvi li għandu jitlob lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jieħu azzjoni fuq rapporB li preżentament jeżistu għand il-pulizija fir-rigward ta' ksur ta' ordni u paċi pubblika riżultat ta' storbju eccessiv fil-konfini tas-Siġġiewi u l-madwar.*
2. *Jirriżolvi li għandu jitlob lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex tiżdied il-preżenza tal-pulizija fil-konfini tas-Siġġiewi u l-madwar permezz ta' rondi aktar frekwenti b'mod speċjali fissiegħat ta' matul il-lejl u kmieni filgħodu;*
3. *Jirrizolvi b'appell lill-operaturi u sidien ta' fondi rurali biex jieħdu azzjoni huma wkoll flinteress tagħhom stess u tar-residenB tas-Siġġiewi;*
4. *Jirrizolvi li jikkundanna kwalunkwe ksur ta' ordni u paċi pubblika u għalhekk impenjat li jibqa jaħdem sabiex ir-residenti tal-lokalita' tas-Siġġiewi jkollhom kwalita' ta' ħajja aħjar.*

*Kopja ta' din ir-riżoluzzjoni kif approvata għandha Bntbagħat lill-Ministru responsabbli ghas-Sigurta l-Onor. Byron Camilleri, lill-Kummissarju tal-Pulizija Angelo Gafà, lill-Membri Parlamentari kollha elett mid-distrett li minnu jifforma parti s-Siġġiewi, kif ukoll tiġi ppubblikata bħala stqarrija għall-mezzi tax-xandir.*

Il-Kunsillier Borg qal li wara diversi lmenti li għamlu r-residenti dwar inkonvenjent ta' storbju fi tmiem il-ġimgħa, kien il-ħsieb li ttieħed deċiżjoni biex tissejjaħ Seduta b'urġenza, peress li l-laqgħa li jmiss skedata għall-aħħar ta' Lulju. Il-Kunsillier għamel spjega tad-diversi punti msemmija fil-mozzjoni.

Is-Sindku qal li qabel li ssir din il-laqgħa t'urġenza fuq talba tal-Kunsilliera, u ddiskuta l-punti mniżżla mal-bqija tal-Kunsill. Hu qal li kulħadd qabel mas-suġġett u li huwa dritt ta' kull resident li jgħix fil-paċi f'daru. Minkejja dan, għandu jiġi jikkunsidrat il-fatt li l-poteri li għandu l-Kunsill limitati; li ma nagħtux l-impressjoni li din l-issue hija responsabbilta' tal-Kunsill Lokali, filwaqt li naqblu mal-bażi tas-suġġett u lesti li nagħtu l-appoġġ neċessarju bil-limitazzjonijiet, u għalhekk qed jippreżenta mozzjoni emendata jew aħjar kontro-mozzjoni biex jissaħħu xi punti diġa preżentati u jiżdiedu punti ta' importanza.

Is-Sindku preżenta kontro-mozzjoni, proposta minnu u ssekondata mill-Viċi Sindku u l-Kunsilliera Kurstein Sant u Adrian Farrugia.

Is-Sindku qara l-kontro-mozzjoni preżentata.

Kontro-mozzjoni dwar bżonn ta' infurzar f'każijiet ta' ksur ta' ordni u paċi pubblika ġewwa żoni tas-Siġġiewi

*Billi matul l-aħħar ġimgħat ġie nnutat li fiż-żoni rurali tas-Siġġiewi u dawk tal-madwar qed jinstema storbju eċċessiv ġenerat minn mużika u sistemi oħra simili, b'mod speċjali fis-siegħat ta' matul il-lejl u kmieni filgħodu;*
*U billi matul il-ġimgħa li għaddiet il-livell ta' storbju kien elevat saħansitra illi numru ta' residenti Siġġiwin tkellmu kemm magħna l-kunsilliera u fuq il-mezzi soċjali fuq dan l-inkonvenjent kbir;*
*U billi l-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi flimkien mal-lokalitajiet l-oħra li jiffrumaw parti mir-Reġjun Punent diġa ddiskutew u ħadu pożizzjoni ċara dwar dan fuq livell ta' Reġjun;*
*U billi l-Kunsill Lokali irrappreżentat mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv diġa tkellmu diversi drabi għan-nom tal-Kunsill kollu fil-laqgħat li jkollna kull xahar mal-Pulizija tal-komunita' sabiex jittieħdu azzjonjiet kollha li hemm bżonn sabiex jittrażżan dan l-abbuż;*
*U billi nemmnu li bħala membri tal-Kunsill Lokali minkejja li m'għandiex l-poteri u l-għodda sabiex nrażżnu dan l-abbuż, jibqa' dejjem l-obligu tagħna illi nħarsu id-dritt tar-residenti fil-lokalita' tagħna li jgħixu u jistrieħu fil-kwiet f'darhom;*

*Għaldaqstant, il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi mlaqqa' llum It-Tnejn 17 ta' Luju 2023;*

1. *Jirriżolvi li għandu jitlob lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jieħu azzjoni fuq rapporti li preżentament jeżistu għand il-pulizija fir-rigward ta' ksur ta' ordni u paċi pubblika riżultat ta' storbju eccessiv fil-konfini tas-Siġġiewi u l-madwar.*

2. *Jirriżolvi li għandu jitlob lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex tiżdied il-preżenza tal-pulizija fil-konfini tas-Siġġiewi u l-madwar permezz ta' rondi aktar frekwenti b'mod speċjali fis-sigħat ta' matul il-lejl u kmieni filgħodu;*

3. *Jirriżolvi li l-Kunsill Lokali Siġġiewi jingħaqad mal-lokalitajiet l-oħra ġirien tagħna affetwati b'dan l-inkonvenjent sabiex ningħaqdu flimkien u nsemmgħu leħena favur iż-żamma tal-ordni f'dan ir-rigward;*

4. *Jirriżolvi b'appell lill-operaturi u sidien ta' fondi rurali biex jieħdu azzjoni huma wkoll fl-interess tagħhom stess u tar-residenti Siġġiwin;*

5. *Jirrizolvi li jikkundanna kwalunkwe ksur ta' ordni u paċi pubblika u għalhekk impenjat li jibqa' jaħdem sabiex ir-residenti tal-lokalita' tas-Siġġiewi jkollhom kwalita' ta' ħajja aħjar u dan b'kollaborazzjoni mill-qrib mal-Community Policing li qegħdin jagħmlu l-almu kollu tagħhom sabiex b'ħidmiethom jżommu l-ordni fil-lokalita' kif ukoll mal-Pulizzija li fi ftit ġimgħat oħra se jibdew joperaw mill-ġdid 24 siegħa kuljum fl-Għassa tal-Pulizija li tinsab fi Pjazza San Nikola;*

*Kopja ta' din ir-riżoluzzjoni kif approvata għandha tintbagħat lill-Ministru responsabbli għas-Sigurta' l-Onor. Byron Camilleri, lill-Kummissarju tal-Pulizija Angelo Gafà, lill-Membri Parlamentari kollha eletti mid-distrett li minnu jifforma parti is-Siġġiewi, kif ukoll tiġi ppubblikata bħala stqarrija għall-mezzi tax-xandir.*

Is-Sindku ta spjega tal-kontro-mozzjoni. Hu qal li il-problema mhix tas-Siġġiewi biss iżda tolqot il-lokalitajiet li jagħmlu parti mir-Reġjun Punent, li aħna parti minnu. Hu qal li din il-kwistjoni għandna tiġi trattata flimkien mal-lokalitajiet oħra milquta. Hu qal li għandha tissejjaħ laqgħa Reġjonali u anka l-Kunsill Lokali ta' Ħ'Attard li hu milqut ukoll mill-problema, li għaliha jiġi mistieden ukoll il-Kunsillier Julian Borg li propona l-mozzjoni. Is-Sindku qal li l-fatt li jkun hemm il-forza ta' Kunsilli Lokali oħra tagħti piż ikbar biex l-awtoritajiet relevanti jaġixxu. Is-Sindku qal ukoll li għandu jiġi kkunsidrat l-element ta' rejaliżmu, fid-dawl li ċerti stabbilimenti huma koperti mill-permessi biex joperaw u jagħmlu divertiment pubbliku iżda li jinżammu l-kundizzjonijiet li huma marbuta bihom u jkun hemm infurzat ta' dan mill-awtoritajiet. Is-Sindku qal li għandha tintalab azzjoni mmedjata issa li qegħdin fl-eqqel tas-Sajf.

Il-Kunsillier Kurstein Sant qal li fis-sena 2019, kienet issejħet laqgħa għas-Sindku tal-lokalitajiet milquta b'din il-problema, u ma kienx hemm attendenza ħlief hu u s-Sindku ta' Ħ'Attard. Hu qal li minn dakinhar, il-problema żdiedet u żdiedu anka n-numru ta' stabbilimenti fejn isiru attivitajiet. Il-Kunsillier Sant qal li apparti stabbilmenti liċenzjati biex jorganizzaw attivitajiet simili, qed ifaqssu diversi għelieqi li jorganizzaw mingħajr l-ebda liċenzja. Hu qal li bl-għajnuna ukoll tar-Reġjun, dawn jistgħu jiġu identifikati u jkollna l-appoġġ meħtieġ.

Il-Kunsillier Julian Borg qal li flimkien mal-Kunsilliera Francine Farrugia u Gillian Farrugia Pace jaqblu mal-punti msemmija fil-kontromozzjoni dwar ħidma mal-Pulizija, l-Pulizija tal-Komunita' u ma' Kunsilli Lokali oħra. Il-Kunsillier qal li l-laqgħat imsemmija mis-sindku li jkun hemm frekwenti mal-Pulizija tal-Komunita' rigward diversi issues huma pass posittiv ħafna, u talab li fis-Seduti s-Sindku jagħtu aġġornament lill-Kunsill dwar dawn il-laqgħat u l-punti li jkunu ġew diskussi.

Is-Sindku talab vot għal kontro-mozzjoni kif preżentata.

Vot: 6 favur, 0 kontra

Il-Mozzjoni għaddiet b'vot unanimu.

Is-Seduta spiċċat fis-7.00pm.

Konfermati, illum 31 ta' Lulju 2023

| | |
|---|---|
| Dominic Grech | Ritienne Giorgino |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |